MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 773/2014

**Rinaldo Gheiti 0173545M**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Rinaldo Gheiti datat 4 ta’ Settembru 2014 fejn espona: -

Illi huwa jehtieg illi jibdel il-passaport u dokumenti ufficjali ohra;

IIli huwa twieled fl-erba' ta' Frar elf disa' mija hamsa u erbghin (04.02.1945);

Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru wiehed, sebgha, tlieta, hamsa (1735) tas-sena 1945 hawn mehmuz u markat bhala Dok "RG 1" il-kunjom ta' missieru fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' kien erronjament tnizzel bhala GAIETY meta suppost ried jitnizzel bhala GHEITI kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk huwa kien erronjament tnizzel bhala Rinaldo Gaiety fir-Registru Pubbliku.

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' ohtu Maria Luisa Gheiti mahrug mid-Direttur tar- Registru Pubbliku bin-numru tlieta, zero, hamsa, zero (3050) tas-sena 1949 hawn mehmuz u markat bhala Dok "RG 2" il-kunjom ta' missieru fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' kien tnizzel tajjeb GHEITI;

Illi fic-certifikat taz-zija tieghu Maria Gheiti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru wiehed, erbgha zero, tmienja (1408) tas-sena 1924 hawn mehmuz u mmarkat bhala Dok "RG 3" il-kunjom tan-nannu tieghu fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid' kien tnizzel tajjeb bhala GHEITI;

IIli fic-certifikat taz-ziju tieghu Salvatore Gheiti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru wiehed, sebgha, tnejn, erbgha (1724) tas-sena 1935 hawn mehmuz u markat bhara Dok "RG 4" il-kunjom tan-nannu tieghu fil-kolonna ‘Isem u Kunjom u post tat-twelid’ kien tnizzel tajjeb bhala GHEITI;

Illi fic-certifikat taz-zija tieghu Maria Dorores Gheiti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru tlieta, tlieta, disgha, tnejn (3392) tas-sena 1938 mehmuz u markat bhala Dok “RG 5” il-kunjom tan-nannu tieghu fil-kolonna ‘Isem u Kunjom u post tat-twelid’ kien tnizzel tajjeb bhala GHEITI;

Illi fic-certifikat taz-zija tieghu Maddalena Gheiti mahrug mid-Dirertur tar-Registru Pubbliku bin-numru wiehed, tlieta, tnejn, zero (1320) tas-sena 1941 hawn mehmuz u markat bhala Dok "RG 6" il-kunjom tan-nannu tieghu fil-kolonna ‘Isem u Kunjom u post tat-twelid’ kien tnizzel tajjeb bhala GHEITI;

Illi mehmuz ma’ dan ir-rikors u markat bhala Dok "RG 7” hawn affidavit taz-zija tieghu Maria Gheiti karta ta' identita` numru 0140824M li fih hija qieghda tiddikjara li l-kunjom tal-familja taghhom dejjem kien jinkiteb bhala GHEITI;

Illi mehmuz ma’ dan ir-rikors u mmarkat bhala Dok "RG 8" hawn affidavit taz-ziju tieghu Salvatore Gheiti karta ta' identita` numru 0172435M li fih

huwa qieghed jiddikjara li l-kunjom tal-familja taghhom dejjem kien jinkiteb bhala GHEITI;

Illi mehmuz ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala Dok "RG 9', hawn affidavit taz-zija tieghu Maria Dolores Gheiti karta ta' identita` numru 0339238M li fih hija qieghda tiddikjara li l-kunjom tal-familja taghhom dejjem kien jinkiteb bhala GHEITI;

Illi mehmuz ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala Dok "RG 10" hawn affidavit taz-zija tieghu Madaleine Gheiti karta ta' identita` numru 132041M li fih hija qieghda tiddikjara Ii l-kunjom tal-familja taghhom dejjem kien jinkiteb bhala GHEITI;

Illi meta sarlu l-passaport kurrenti li kopja tieghu hija hawn mehmuza u markata "Dok "RG 11" mahrug fid-dsatax ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (19.01.2011) il-kunjom tieghu tnizzel bhala GAIETY minflok GHEITI;

Illi minhabba li huwa jrid jerga' jmur lura lejn l-Awstralja huwa ghamel prokura lil Joseph Attard karta ta' l-identita` numru 492150M residenti "North Rocks", 368, Triq Santa Domenika Haz-Zabbar u li kopja taghha tinsab mehmuza u markata bhala Dok "RG 12" biex huwa jkun jista' jkompli il-kawza f'ismu;

Illi kopja tal-karta ta' identita` ta' Joseph Attard tinsab hawn mehmuza u markata Dok "RG 13";

Illi minhabba li d-Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jirrifjuta li johrog certifikati hlief biss bil-kunjom kif miktub originarjament, tali certifikat u dokumenti ufficjali se jkunu qeghdin jinhargu bil-kunjom ta’ GAIETY minflok GHEITI;

Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jirrifjuta illi jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega;

Illi dan huwa ta' pregudizzju ghall-istess rikorrent u qieghed jikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrent;

Illi r-rikorrent ghandu interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap 16 li ssir id-debita korrezzjoni;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Glaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna: -

1 Tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrent huwa konsistentament maghruf huwa “GHEITI" u mhux “GAIETY”;

2 Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok "RG 1" minnu mahrug, bin-numru wiehed, sebgha, tlieta, hamsa (1735) tas-sena 1945 fis-sens illi l-

kolonna intestata ‘Isem u Kunjom 'GAIETY' ghandu jigi kkancellat u jigi sostitwit bil-kunjom “GHIETI”;

3 Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fid-dokumenti pubblici kollha kull fejn jidher l-isem u l-kunjom ir-rikorrent fis-sens illi kull fejn hemm kunjom ir-rikorrent li huwa indikat bhala GAIETY jidhol minflok il-kunjom GHEITI.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 6 ta’ Ottubru 2014 (fol 28) fejn espona : -

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2 Illi kuntrarjament ghal dak li gie mitlub fit-talba numru 2 tar-rikors guramentat, fuq l-att tat-twelid bin-numru 1735/1945 (**Dok. DRP 1**) ma hemm l-ebda kunjom fir-rigward tar-rikorrent li gie indikat u dan ghaliex fl-atti tat-twelid li saru qabel is-sena 2005, ma kienx jigi indikat il-kunjom tat-tarbija izda biss l-isem. Illi l-kunjom li kien gie indikat huwa dak ta` missier ir-rikorrenti u cioe` Gaiety. Marbut ma’ dan jigi rilevat li fl-att tat-twelid tar-rikorrenti ma hemm l-ebda kolonna intestata ”Isem u Kunjom”

izda biss kolonna li hija intestata ”Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” ghalhekk ma hemm l-ebda kolonna li trid tigi korretta.

3 Illi minghjar pregudizzju ghall-premess, fiz-zmien li kien gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti fis-sena 1945, ma kienx hemm sistema kompjuterizzata ta` gabra u kkonservar ta` informazzjoni u dokumenti. Ghalhekk l-ufficjali inkarigati mill-kitba tal-atti tat-twelid kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta` dak li jafferma l-korrezzjoni ta` l-informazzjoni li titnizzel fl-att in kwistjoni.

4 Illi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti kien missieru Grazio Gaiety li kien id-dikjarant u li ta l-informazzjoni kollha li mbaghad tnizzlet fic-certifikat tat-twelid. Hu ffirma wkoll l-att u allura kkonferma li d-dettalji li jinsabu fl-att huma korretti. Ta` min jghid li d-dikjarant iffirma bhala Grazio Gaiety.

5 Illi ghalhekk jekk l-esponent irrifjuta li jaghmel korrezzjonijiet, dan ma sarx b’kapricc izda peress li tali korrezzjonijiet ta` din in-natura jistghu jsiru biss fuq ordni tal-Qorti.

6 Illi dwar it-tielet talba jkun opportun jekk ir-rikorrent jindika liema huma d-dokumenti bin-numru progressiv u s-sena tar-registrazzjoni taghhom.

7 Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8 Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta' Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Lawrence Galea ghall-attur assenti rapprezentat mill-Prokuratur tieghu Joseph Attard; prezenti wkoll Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr Galea ddikajra li ma fadallux provi ohra f' dan l-istadju. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Novembru 2014.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ipprezentat fid-29 ta' Ottubru 2014 fejn talab li l-intimat jigi ordnat jiddepozita kopja tac-certifikat originali ta' oht ir-rikorrent Maria Louisa Grace Josephine Gheiti bin-numru 3050. Rat id-Digriet taghha tal-4 ta' Novembru 2014 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat l-esebizzjoni ta' kopja tac-certifikat originali kif mitlub.

Rat l-att ordnat esebit mill-Intimat b'nota datata s-7 ta' Novembru 2014 bhala **DOK DRP2.**

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Lawrence Galea ghall-attur prezenti u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr. Cordina ddikjara li t-tieni dokument li esebixxa huwa dak mitlub mir-rikorrent. Id-difensuri tal-parijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi ohra xi jgibu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Dicembru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi (fol.32).

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrent qed jitlob li issir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid tieghu numru 1735/1945 (**DOK RG1)** billi jigi korrett kunjom missieru li gie erronjament imnizzel bhala 'Gaiety' minnflok 'Gheiti'. Ir-rikorrent jesponi li kunjomu korrett huwa 'Gheiti' kif jirrizulta wkoll mic-certifikati tat-twelid ta' ohtu fejn il-kunjom ta' missierhom komuni huwa imnizzel bhala 'Gheiti' u mic-certifikati tat-twelid taz-zijiet tieghu, hut missieru. Dan jinsab ukoll ikkorroborat bl-affidavits ta' ohtu u taz-zijiet li jaffermaw li l-kunjom il-familja taghhom, il-*family name,* huwa 'Gheiti' u kien hekk minn dejjem.

L-intimat irrileva li d-dikjarant fuq l-att tat-twelid kien missier ir-rikorrent li sahansitra ffirma bil-kunjom Gaiety'. Izda daqstant jirrizulta fattwalment mill-kopja tac-certifikat ta' twelid ta' oht ir-rikorrent, Maria Luisa Gheiti[1], li missierhom iffirma bhala 'Gheiti G'. *Inoltre* fil-kolonna fejn jitnizzlu l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija, il-kunjom 'Gaiety' huwa mhassar u kkoreggut *a mano* bil-kunjom 'Gheiti.'

[1] **DOK.DRP2**

Illi din il-Qorti, konfrontata b'tali konflitt fl-atti tat-twelid tar-rikorrent u ta' ohtu, ma tistax ma tiehux konjizzjoni tal-fatt korroboranti li fuq l-atti ta' twelid taz-zijiet, (**RG3 sa RG6**) il-kunjom ta' missier iz-zijiet, cioe` n-nannu patern, huwa 'Gheiti'.

Dan kollu ma jhalli l-ebda dubbju ghall-Qorti li sar zball fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrent u l-kunjom korrett tieghu, kif jitnizzel minn missieru u minn nannu patern, huwa fir-realta' 'Gheiti' u dan ghandu jigi rifless fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent.

Riferibbilment ghall-premessa tar-rikorrent li jehtieg li jbiddel il-passaport tieghu, il-procedura odjerna tikkontempla biss il-korrezzjoni ta' atti ta' l-istat civili. Dokumenti ta' identifikazzjoni bhal Passaporti u Karti tal-Identita jesorbitaw minn din il-procedura izda ghandhom jinhargu abbazi tal-atti tal-istat civili u jirriflettu l-korrezzjonijiet ordnati minn din il-Qorti.

Ikkonsidrat izda li l-ispejjez ghandhom jigu ssoportati mill-istess rikorrent, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli u inkonsistenti ma' dawk hawn deciz, **Tilqa'** t-talbiet tar-Rikorrent b'dan li:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrent huwa konsistentament maghruf huwa “Gheiti" u mhux “Gaiety”;

2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens li tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-istess dikjarazzjoni permezz ta' nota fil-margni tar-registrazzjoni relattiva fir-registru ta' l-atti tat-Twelid immarkat **Dok "RG 1**" minnu mahrug, bin-numru wiehed, sebgha, tlieta, hamsa (1735) tas-sena 1945;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba in kwantu ma gewx indikati bin-numru tal-att u s-sena relattivi *ai termini t*al-artikolu 253 (3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------